# SBEJĦA MARIJA

Oh! xi sbuħija:
Kewkba għodwija
Sebħ ir-rebbiegħa,
Firxa lewn warda,
Xemx liebsa d-dija
Sema kaħlani,
Sħaba tal-fidda,
Qamar fil-milja:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

Oh! xi sbuħija:
Xefaq imdawwal,
Baħar bla mtarraf,
Ilma kaħlani,
Mewġa silġija,
Xmajjar li jiġru,
Gliegel għannejja,
Għajn l-ilma safi:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

Oh! xi sbuħija:
Xagħri li jħaddar,
Siġra ferrieħa,
Warda ħamrana,
Susan bajdani,
Sur għoli w qawwi,
Torri tas-saħħa,
Belt ewlenija:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

L-Għodod li jdoqqu,
Qalb imgħoxxija,
Leħen il-kwiekeb,
L-ilsna tal-bniedem,
Moħħ ruħ minn-Alla,
Fomm ta' koll ħliqa:
Ħadd ħadd ma jfisser
Qatt qatt ma jista'
Kemm int sabiħa,
Sbejħa Marija!

Int isbaħ mill-kwiekeb
Int aqwa mill-qamar,
Int idwal mix-xmejxa,
Int akbar mid-dinja,
Int ogħla mill-anġli.

Il-ġabra tal-ħlejjaq,
L-art, l-ibħra, w is-sema,
Flimkien b'ilsien wieħed
Mistagħġba jsellmulek:
Ta' kollha s-sbuħija
Il-ġabra int, Marija;

25/iii/36

A. G.

# L-ARMONIJA FIL-KITBA TAL-PROŻA MALTIJA

Il-kitba hija sengħa tal-moħħ. Jekk fis-Snajja' l-oħra tal-Ġmiel id-daqs, il-lewn, id-daqq jiġbdu, iżommu, ijassru l-għajn u l-widna, fil-kitba l-ħsebijiet, il-fehmiet, ix-xewqat u t-tqanqil tal-qalb, misturin taħt il-kisja tal-kelma maħżuża li u la tolqot il-għajn bi ġmielha u anqas il-widna bi ħlewwitha, jidħlu dritt f'moħħ il-qarrej u f'qalbu, jirbħuh bi ġmielhom u b'qawwithom u jqajmu ġo fih il-ħajja li fawret f'moħħ il-kittieb. Għalhekk il-kitba, aktar mis-Snajja l-oħra tal-Ġmiel, hija sengħa ruħana, għax titwieled fir-ruħ, tgħix fir-ruħ u taħdem fuq ir-ruħ.

Iżda l-kitba meta naqrawha mhux bil-moħħ biss, imma b'leħen għoli, jew b'leħen sieket li jinstama' biss mir-ruħ, tolqot ukoll il-widna u bħas-sengħa tad-daqq, għandu jkollha dik il-ħlewwa, dak it-tiżwiq u tirkib ta' ilħna tqal u ħfief, miftuħa u magħluqa, mkarkra u maħtufa, li jxebbhu dik id-daqqa li tkun tidwi ġewwa ruħ il-kittieb imqanqla mill-qawwa tal-ħsebijiet u mkebbsa mil-lehġa tax-xewqat. Jafuh dan il-poëti li jqabblu l-versi mad-daqqa ta' qalbhom. Imma l-proża wkoll għandha l-mużika tagħha, għandha l-armonija tagħha li jħossha l-kittieb ġewwa fih u jrid ifissirha bi kliem imqassam bi qjies sabiħ. Mhix armonija tal-poëżija, li hi marbuta mar-regoli li joħolqu dak it-tmewmiġ fil-versi li jgħidulu *ritmu*, iżda armonija oħra, ħielsa minn regoli, nieqsa mir-ritmu, imma ħelwa fil-widna.

Il-liġi ta' l-armonija fil-kitba tal-proża ħassewha u fehmuha l-akbar kittieba qodma ta' Ateni u ta' Ruma. Demósteni u, warajh, Ċiċerun fid-diskorsi tagħhom quddiem is-Senat,—ġmiel ta' kitba li ma jidbielx maż-żmien,— barra milli jagħżlu l-kliem u jorbtuh bi ħlewwa u b'qawwa li tolqot u tqanqal u tirbaħ, kienu jħobbu wkoll imellsu l-widna b'daqqa sabiħa f'tarf il-perijodu. Jiġifieri fil-kitba ta' dawn iż-żewġ oraturi kbar bosta drabi l-perijodu jagħlaq b'kelma jew kelmtejn li s-sillabi tagħhom, twal u qsar, jagħmlu kadenza li ddoqq ħelu fil-widna.

Mijiet ta' snin wara, il-kittieba Għarab kellhom sengħa oħra jew liġi oħra fl-armonija tal-proża — ir-rima—. Fil-Quran u fil-proża mirquma aktar bir-reqqa, l-aħħar kelma tal-vers tirrima ma' l-aħħar kelma tal-vers ta' qabel